VASSALLI AND HIS TIMES A. CREMONA
CREMONA

# LIL MALTA

(GħANJA) (1)

Għalkemm ġejt minn art sabiħa,
Art li tħaddar ma' kull żmien, (2)
Art li minnha saret qalbi,
Li nġib miegħi kullimkien,
Daqs il-għasel sibtek ħelwa,
Bint il-baħar, bint ix-xemx :
Malta, Malta, warda bħalek,
Sbejħa u żgħira, ngħid li m'hemmx.

L-isfa sema l-għata tiegħek,
Ħżiemek ikħal daqs in-nir,
L-ajru jtuqek, bard ma jaħqrek,
Art ħanina, omm tal-fqir.
Malta, Malta, ż-żmien fuq sidrek
Kiteb l-egħżeż tifkiriet :
M'hux għalxejn għalik iġġieldu
Ġnus minn l-ibgħad żminijiet.

Min ma jafx il-qalb, il-fehma
Ta' l-ulied li ïnt rabbejt ?
Min ma jafx dik l-Emna mqaddsa
Li bħal sejf tan-nar żammejt ?
Malta, Malta, s-swar li ħammru
B'demm uliedek għalenin,
Qatt ma jinżgħu mill-ġmiel tagħhom,
Rebħu 'l-għadu, jirbħu s-snin.

**Dun Karm.**

(1) Din il-Għanja ta' Monsinjur Psaila ġiet immużikata mis-surmast Karl Maria Artz u kantatha martu, is-Sinjura Jenni, fit-teatru Rjal, fis-26 ta' April li għadda.

(2) Is-Sinjura Jenni Artz, ġejja min-Norveġja u mill-Bavarja —artijiet l-iżjed sbieħ, u ma' tul is-sena dejjem iħaddru, billi x-xmajjar u l-lagi jinsabu bir-rfus.

# IL-KASTELL SANT'ANĠLU.

## IT-TEMPJU U L-KASTELL.

L-istorja tal-Kastell Sant'Anġlu, hija mgħaqqda ħaġa waħda ma' l-istorja ta' Malta bħalma r-ruħ hi magħquda mal-ġisem. Ir-ruħ ta' Malta hu Sant'Anġlu. Ma hemmx għalhekk ġrajja ta' ħtieġa, illi Sant'Anġlu ma kellux is-sehem tiegħu, u x'sehem !

Malli l-barranin jersqu u jidħlu fil-Port il-Kbir, u jitfgħu l-ħarsa mibluha tagħhom, fuq dan is-Sur tal-għaġeb li bħalu, aktarx ma hemmx fid-dinja kif id-dur, l-ewwel mistoqsija li weħida tinbet fil-fomm tagħhom, hi aktarx din : Meta ġie mibni, u minn min ? Għal din il-mistoqsija, sejjer inwieġeb.

It-twaqqif ta' dan il-Kastell, jeħodna l-ura saż-żminijiet l-iżjed qodma; jiġifieri saż-żminijiet tat-Tiri u tal-Feniċi, li dawn, sa kemm nafu, kienu l-ewlenin ġnus, li għammru f'din il-Gżira, xi 1,400 sena, qabel ma deher fid-dinja l-Feddej Alla.

Dawn in-nies, hekk kif waslu hawn, bnew fuq il-*promontorju*, li jsaltan fuq il-port ll-Kbir, Tempju iddedikat lil alla, jew lil mart alla falz, imsemmija : Melitta, imsejħa wkoll : Astart jew Astaroth; illi l-Griegi u r-Rumani, marru nbagħad igħidulha Venere, u kienu lilha jqimu, issa bħala alla ta' l-imħabba, issa tal-kummerċ u issa tan navigazzjoni.

Minn dak li ġa għedna, naħseb (kontra dawk kollha illi ikkupjaw il-kliem ta' storiku *wieħed* u għalhekk anki mitt storiku ma jistħoqqilhomx iżjed minn awtorità waħda) li Malta ħadet isimha mhux mill-kelma *Malet*, li bil-grieg ifisser għasel (għax kabel ma l-Griegi ħadu Malta, fis-sena 700 qabel Kristu, Malta kien ġa jisimha Melitta) iżda dan l-isem wiritu mit-Tempju magħruf mill-baħrin ta' dak iż-żmien, u dak l-isem bil-mod il-mod ġie mogħti, lid-dwar tat-Tempju sa kemm fl-aħħar wiritu l-Gżira kif iddur.

Fis sena 700 Q.K., kif ġâ għedna, il-Griegi għalbu 'l-Feniċi u ħadulhom ukoll dil-Gżira; iżda jgħidu, li x xtut ħallewhom lin-nies tagħna, u huma bnew u għammru l-qalba tal-Gżira, li l-lum insejħulha l-Imdina. Dawruha bis-swar, u bnew ukoll knejjes lill-allat : Appolline u Proserpina.

Is-setgħa tal-Kartaġiniżi, xterdet mal-Mediterran u dawn wara li għakksu 'l-Griegi u 'r-Rumani, fis-sena 480 Q.K. ħakmu l-Gżejjer tagħna ; u billi bejn il-Maltin u l-Kartaġiniżi kien hemm

,£i uien u fit-twemmin, qablu wisq
Uenmi ukoll fiU> J t-Xempju ta'Melitta, kien
hh «* ĦR "VH indu jobsor. ^ t tal-GZIRA TA'
're« ^ a ' ,-aħhar rebħa tar-Rum.m, kontra
W ' A ; Gvora" ġagħlet 1i cim .l-Gz.ra kontra
'trifiU" 2I \ ^ar-'Rmnani: n t-Temp,u. allura ta'
|Kartaft "l"' tingħaqad niar ix f'mpju ta Gunone u

Bħi wsem ,al-Marsa

^Sfe

'"mn f'^ 1 r-.r.m il-Kbir Oratur, jistqarru
Ik'tVni""8 tH, FieS", •,„ ,-Ordni ta' Malta u awditur
An.onio Quimin° st.onku ra b·għajnejh> xj
,, G,an M«.n, Gsle-Ad m U 5 3 ^ FibMu?w u,
fdal U'dan „- emp.u, • *• ta-dan lt-tempju.
BeH. hennn U.a . medaljU *ƒ?St J ^
Min majafx .11. 0»«« ' u mhux biss djar
beffa jibdew iitwaqqfu ħafn. darm . d

ffiV^S. ta « WrMJ0j

it-Temuju F'dawk iż-żminijiet ukoll, bħal matgħarrafna l-.sknttura u l-ġrajja ia' ġnus ohra, ma' ġenb it-Tempju aktarx kienu iwaqqtu ornjiet jew kastein.

Wara t-trijonf ta' Kostantimi, Malta għalkemm taħt ir-Runani, makinitx iżjed taħt il-ħakma ta'-Imperji ta' l-Oċċidenħ żda ta'l-Orjent, u aktarx fis-sena 828 W.K. għan-naħħa tax-xatt, B-ponta tal-lsien li jàti għall-baħar, ġie mibni mill-maltin, — allura msara sa mis-sena 58 wara Kristu, u minn Kustantinu mogħtija ħlhom il-lilx-nà tat-Twemmin Nisrani — Torri, jew Kastell imjaqqas ghal biex iħares ujilqa' 1-assalti tal-furbani, li, bħaia ġrati kienu mlew u niġġsu kollu kemm hu 1-Mediterran.

»мp?«Tt 87i°: Sk0nd "^onika Gharbija Kartaġiniża, M»Ha Satb r n KFRCJN is,Saraċini; u dal-Kastell kien minnho*

J'Sġ*u*raf,
(Ussokta.)

Kan. 0. M. Farrugia

## ID-DUD U L-MARD.

*Ntbdetv inġibu laħt din ir-ras lewwel biċċa mW4 • * ,*
*tdabib H fuq rd-dud u tdixrid t a l Z T ^*
*ħtieġa u V tagħlim kbir, inħafru lil Harr 1 u Z 1*
*bid-dehwa kollħa bieX dak li jaqraw J s w i e L t ' Z*

ID-DUBBIEN.

Id-dubbien barra milli hu moqżież ujdejjaq, huwa wkoll dud ta biza għa saħħitna għax miegħu jġorr id-dud tal-mard. Għal hekk 1-ewwel ħaga 1, għandna nagħmlu biex nilqgħu ruħna hi li kemm jista jkun innaqqsu 1-kotra tad-dbieben

Minn Mejju Lquddiem, ngħidu aħna sal-ħarifa, il-għadd tagħhom jiżdied bl-eluf ta' l-eluf.

Hekk kif tibda tieħu xiftit tas-sħana, għall-ħabta ta* Marzu beda^ għall_ħaDta ta> April; Listaġun tat-tnissil tagħhom ikun

Id-dubbiena tbid mal-100 saI-150 bajda f'daqqa.

Raw u qiesu lijekk dubbiena tbid, nghidu aħna fil-15 ta' Apnl, mal-120 bajda, dikid-dubbiena 1-waħda fl-aħħar ta' Settembru tkun nisslet mal-5,598,720,000,000 dubbiena. Dawn id-dubbiniet kollha, jekk wieħed igħaqqadhom ujrosshom flimkien, lagħmlu bħal kaxxa liminn kull ġenb tkun iġġib il-qjies ta' S qasab u sitt ixbar (20jarda Ingliża); u dana bissjekk kemm-il clarba dinid-dubbiena tiġi litmut wara litkun għamlet u xeħtet ewwel għanqud bajd. Inniia d-dubbiena tarġa' tbid darbtejn jew thet darbiet iżjed, ukoll barra minn dawn ix-xorta ta'gzuz ta' bajd li semmejna.

Bix-xorti lid-dubbien għandhom 1-egħdewwa tagħhom maħluqin għalihom, sewmatu! it-tfesdiq (*) tagħhom kemm ukoll ta jrabbu 1-ġwienaħ u jtiru.

Imma b'dawn 1-egħdewwa koilha ligħandhom, kull sajf aħna mnsabu mpestati bihom b'kotra kbira ta'blagħadd.

Id-dubbien iġorr miegħu 1-mard: ħaġa żgħira biex nifhmu ghax kullħadd jafid-drawwiet tagħhom. Il-mard ta' IhOr

(*) Mita 1-bajd isir bħal dudu tax-xagħat.